# Xelters fil-Qrendi

*L-Aħħar Parti*
*(L-ewwel parti kienet ippublikata fil-Programm tal-Festa 2007)*



**minn Emanuel Muscat**

It-tħaffir tax-xelters kompla b'ritmu aktar mgħaġġel aktar kemm bdew jiżdiedu u jiħraxu l-attakki. Dawn kienu mħaffra fil-blat bħal katakombi b'kuriduri twal, xi ħamsin metru jew iżjed, wesgħin xi żewġ metri u nofs u għoljin żewg metri. Kien ikollhom xi daħla jew tnejn minn tarag li jagħti mit-triq għal isfel. F'dawn l-istess xelters ingħataw permessi biex xi familji setgħu jħaffru xi kmamar privati mal-ġnub tagħhom.

Fl-ewwel xhur tal-gwerra fil-Qrendi tħaffru sbatax-il xelter pubbliku. Wieħed minn dawn kien fi Triq Santa Katarina fil-kantuniera ma' Triq it-Torri, li kellu żewġ bokok. Fejn il-kappella tas-Salvatur kien hemm xelter ieħor bi tliet bokok, u ieħor fi Triq iż-Żurrieq. Fi Triq il-kbira kien hemm tliet xelters, wiehed kien jibda minn ġo Sqaq Nru. 1 u jagħti lejn in-naħa tas-Salvatur u ieħor minn Sqaq Nru. 2 u jibqa' sejjer għal Triq il-Kbira. Xelter ieħor f'din it-Triq kien tħaffer quddiem il-kunvent tas-sorijiet. Xelter importanti ħafna kien ta' ħdejn l-għassa. Dan kellu tliet bokok, quddiem l-għassa tal-pulizija, oħra fuq il-ġenb ta' l-għassa fi triq il-Kbira u l-oħra fil-kantuniera li tkompli ma' Triq il-Knisja. Dan ix-xelter kien iservi bħala sptar żgħir. Xelter ieħor kien fiq Sqaq Nru. 4 Triq il-Kbira. Xelter ieħor imdaqqas kien f'Misraħ San Mattew u iehor fi Triq il-Guarena bejn Sqaqien Nru. 1 u 2. Kienu tħaffru wkoll żewġ xelters wieħed ħdejn il-Kappella Sant'Anna u iehor ħdejn il-Kappella tal-Grazzja. Xelter ieħor imdaqqas kien maġenb il-Knisja Parrokkjali, kellu bokka ħdejn il-bieb tas-sagristija, fi Triq il-Kurat Mizzi, oħra ftit iktar l-isfel u l-oħra fi Triq il-Parroċċa ħdejn il-Museum tal-bniet. Żewġ xelters oħra kienu fi Triq it-Torri u ieħor fi Triq San Nikola.

Xelter ieħor kbir imħaffer fuq żewġ livelli li kellu żewġ bokok f'Misraħ Santa Marija u l-bokka l-oħra quddiem il-Każin Santa Marija. Is-sena l-oħra waqt li kien qiegħed isir xi xogħol f'dan il-misraħ, dan ix-




Il-pjanta tax-xelter li kien imħaffer quddiem l-għassa tal-Pulizija. Dan ix-xelter kien speċjali għaliex kien iservi bħala sptar żgħir.

xelter reġa' nfetaħ wara ħafna snin. Dan huwa eżempju ta' b'liema preċiżjoni kienu jitħaffru dawn ix-xelters b'għodod antiki ta' l-idejn li l-Qrendi tant kienu magħrufa għalihom.

Kienet inizjattiva f'waqtha li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi talab id-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter biex wara li jitnaddaf isir aċċessibbli biex il-ġenerazzjoni tal-lum tista' timmaġina minn xiex għaddew l-anzjani tal-lum matul il-gwerra.

Riferenzi
Arkivju Nazzjonali ta' Malta
Dokument Xelters fil-Qrendi



Rtiratt meħud min fuq Bomber Ġermaniż fit-2 ta' Lulju 1942 waqt bumbardament fuq Malta. Fuq in-naħa tal-lemin jidher il-mitjar, dak li aktar tard ingħata l-isem tar-raħal tal-Qrendi, u li kien għadu fil-fażi ta' kostruzzjoni. Bil-kortesija tal-Malta Aviation Museum Foundation – Ta' Qali.



Kontinġent suldati jżuru t-Tempji ta' l-Imnajdra fi żmien il-Gwerra

Power Wagon Garage



Triq Burgabrun, Siġġiewi
Tel: 2146 6111 - Fax: 2146 2635 - Mob: 9949 8736
E-mail: victorattard@nextgen.net.mt